

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2013 —  
Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-457/10) <sup>(1)</sup>

“*Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi esterni marbuta mal-iżvilupp, l-istudju u s-sostenn ta' informazzjoni (ESP DESIS II) — Klassifikazzjoni ta' offerent — Għoti tal-kuntratt — Konsorzju offerenti — Ammissibilità — Obbligu ta' motivazzjoni — Trasparenza — Ugwaljanza fit-trattament — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali*”

(2013/C 352/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermitzakis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Delaude u N. Bambara, u sussegwentement S. Delaude, aġent, assistiti inizjalment minn P. Wytinck, u sussegwentement minn B. Hoorelbeke, avukati)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Lulju 2010, li tikklassifika l-offerta tar-rikorrenti ppreżentata fil-kuntest tas-sejħa għal offerti DIGIT/R2/PO/2009/045, dwar “*Servizzi esterni marbuta mal-iżvilupp, l-istudju u s-sostenn ta' informazzjoni*” (ESP DESIS II) (ĠU 2009/S 198-283663), għal-lott Nru 2 “*Proġetti ta' żvilupp barra mis-sit*”, fit-tielet, u mhux fl-ewwel, pożizzjoni u li tagħti l-ewwel u t-tieni pożizzjoni lil offerenti oħrajn, kif ukoll tad-deċiżjonijiet kollha tad-Direttorat Ġenerali tal-Informatika tal-Kummissjoni li huma relatati magħha, inklużi dawk li jingħataw il-kuntratti rispettivi lill-offerenti kklassifikati fl-ewwel u fit-tieni pożizzjoni, u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 346, 18.12.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2013 —  
Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-474/10) <sup>(1)</sup>

“*Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi esterni għall-iżvilupp, l-istudju u s-sostenn ta' sistemi ta' informazzjoni (ESP DESIS II) — Klassifikazzjoni ta' offerent — Għoti ta' kuntratt — Obbligu ta' motivazzjoni — Trasparenza — Ugwaljanza fit-trattament — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali*”

(2013/C 352/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermitzakis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment N. Bambara u S. Delaude, sussegwentement S. Delaude, aġenti, assistiti minn O. Graber-Soudry, solicitor)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament ta' erba' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni kkomunikati permezz ta' erba' ittri distinti tas-16 ta' Lulju 2010 li l-offerta tar-rikorrenti, sottomessa fil-kuntest tas-sejħa għal offerti DIGIT/R2/PO/2009/045, dwar “*Servizzi esterni għall-iżvilupp, l-istudju u s-sostenn ta' sistemi ta' informazzjoni*” (ESP DESIS II) (ĠU 2009/S 198-283663), tiġi kklassifikata, għal-Lott Nru 1A fit-tieni pożizzjoni, għal-Lott Nru 1 B fit-tielet pożizzjoni, għal-Lott Nru 1C fit-tieni pożizzjoni u għal-Lott Nru 3 fit-tielet pożizzjoni, kif ukoll tad-deċiżjonijiet kollha tad-Direttorat Ġenerali tal-Informazzjoni tal-Kummissjoni relatati magħhom, inklużi dawk li l-kuntratti rispettivi jingħataw lill-offerenti kklassifikati fl-ewwel u fit-tieni pożizzjonijiet, u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 346, 18.12.2010.